# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Frar 2018**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 1118/2009 JPG**

**Joseph u Maria Victoria konjuġi Borg**

***v.***

**Onorevoli Prim'Ministru; Ministru għall-Infrstruttura, Trasport u Komunikazzjoni; Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**

1. Dan il-provvediment huwa dwar rikors magħmul mill-atturi fit-2 ta' Novembru 2017 biex il-qorti tagħmel "referenza kostituzzjonali" taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-kawża hija dwar jekk żewġ Avviżi Legali humiex bi ksur ta' drittijiet imħarsa bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni

tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"]. Wieħed minn dawk l-Avviżi Legali sar fl-2001, meta l-president ta' din il-qorti kien avukat fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, u l-ieħor sar fl-2009, meta l-istess president kien Avukat Ġenerali. L-atturi għalhekk b'nota tal-20 ta' Frar 2017 ressqu eċċezzjoni ta' rikuża tal-President tal-Qorti billi f'din il-kawża hu msejjaħ "biex jistħarreġ Avviż Legali li kien ġie approvat minnu stess meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali ta' Malta".

3. Din il-qorti ċaħdet l-eċċezzjoni b'sentenza tat-12 ta' Ġunju 2017 għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »… … … din il-qorti ħadet konjizzjoni tal-kontenut tan-nota tar-rikorrenti datata 20 ta' Frar 2017. Tat ukoll il-piż mistħoqq lid-dikjarazzjoni tal-President tal-Qorti tal-istess data, li permezz tagħha qal li hu ma ta ebda parir jew b'xi mod ġie kkonsultat dwar l-Avviż Legali in kwistjoni. Ħadet ukoll konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet magħmula mid-difensuri tal-intimati, wara konsultazzjoni u tfittxija fl-uffiċċji tagħhom, li ma taw ebda riskontru pożittiv għal dak allegat mir-rikorrenti.
>
> »Fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti hi tal-fehma li l-eċċezzjoni ta' rikuża mressqa mir-rikorrenti ma għandha ebda bażi konkreta u hija bbażata biss fuq ipoteżi u, ladarba ma nġabu ebda provi konkreti li jistgħu jindikaw li l-President tal-Qorti kien ta xi parir bil-miktub jew oralment dwar ir-regolamenti in kwistjoni meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali, allura l-allegazzjoni tar-rikorrenti qed tiġi meqjusa li hi bbażata biss fuq konġettura u mhux fuq fatti.«

4. Bir-rikors tat-2 ta' Novembru 2017, li dwaru qiegħed jingħata dan il-provvediment tallum, l-atturi talbu dik li sejħulha "referenza kostituzzjonali" għal raġunijiet li fissruhom hekk:

> »Illi l-leġislazzjoni li qiegħda tiġi impunjata hija leġislazzjoni primarja[1] u ta' importanza nazzjonali. Għaldaqstant, jiftakar jew ma jiftakarx jekk kienx ta parir lill-gvern, il-persuna li kienet tokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali fiż-żmien relevanti għal dina l-kawża, bir-rispett kollu, mhijiex persuna adatta biex tippresjedi din l-onorabbli qorti f'kawża ta' dina l-

[1] Fil-fatt l-Avviżi Legali huma leġislazzjoni sussidjarja.

portata. L-Avukat Ġenerali huwa l-avukat tal-gvern u l-leġislazzjoni li qed tiġi impunjata ġiet promossa mill-gvern. Huwa appena neċessarju li jiġi ribadit illi l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tkun tidher li qiegħda ssir. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent iħoss illi għandu jissolleva kwistjoni kostituzzjonali.

»… … …

»Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li tissolleva kwistjoni kostituzzjonali fuq ir-rifjut tal-eċċezzjoni tar-rikuża tal-President, titlob bir-rispett illi din l-onorabbli qorti jogħġobha tapplika l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap. 319 biex ikun hemm id-debita determinazzjoni tar-riferenza kostituzzjonali fir-rigward ta' din il-kwistioni.«

5. Fis-seduta ts-6 ta' Novembru 2017 quddiem din il-qorti mbagħad tniżżel dan il-verbal:

»Dr Tonio Azzopardi [għall-atturi] spjega illi huwa qiegħed jitlob lil din il-qorti jew li tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew din il-qorti stess, diversament komposta, tiddeċiedi hi stess il-kwistjoni sollevata mir-rikorrent.

»Fuq domanda tal-qorti Dr Azzopardi kompla jispjega li jekk din il-qorti tkun tal-fehma li ma tistax tilqa' t-talba tiegħu biex il-kwistjoni tiġi rifer-uta lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili allura l-istess kwistjoni għandha tiġi deċiża minn din il-qorti diversament komposta.

»Il-qorti fiċ-ċirkostanzi tiddiferixxi l-appell għall-provvediment fuq ir-rikors ta' Joseph Borg tat-2 ta' Novembru 2017 dwar jekk din il-qorti għandhiex tirreferixxi l-kwistjoni sollevata fir-rikors u skont il-verbal tallum u/jew din il-qorti għandhiex is-setgħa li tiddeċiedi hi stess il-kwistjoni sollevata.«

6. L-ewwel kwistjoni hija jekk din il-qorti għandhiex is-setgħa, jew, aħjar, għandhiex il-ħtieġa li tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. L-art. 46 tal-Kostituzzjoni li jirregola l-materja jgħid hekk:

»**46.** (3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħ-dudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tid-disponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.

»(4) Kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzz-jonali.«

7. L-art. 4 tal-Kap. 319 jirregola l-materja bl-istess mod.

8. Is-setgħa li tibgħat kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tingħata meta l-kwistjoni tqum "f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali"; mela ma hemmx dik is-setgħa meta l-qorti tkun il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali. Ma hemmx is-setgħa għax ma hemmx il-ħtieġa. Kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kemm il-Qorti Kostituzzjonali għandhom kompetenza kostituzzjonali u għalhekk il-kwistjoni jistgħu jaqtgħuha huma stess bla ħtieġa li jibagħtuha quddiem xi qorti oħra. Li kieku l-Qorti Kostituzzjonali ma kellhiex is-setgħa li taqta' l-kwistjoni hi ma kienx jagħmel sens li ma jkollhiex għall-inqas is-setgħa li tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

9. Ngħaddu mela għall-meritu tal-kwistjoni: il-fatt li l-President tal-Qorti kien Avukat Ġenerali meta saru l-Avviżi Legali impunjati f'din il-kawża jagħti lill-President tal-Qorti interess li jiddeċiedi li ma hemmx inkonsistenza tal-Avviżi Legali mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenz-joni?

10. Din il-qorti ġà iddeċidiet, bis-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2017, li ma hemmx raġuni għar-rikuża. Kien għalhekk illi l-atturi talbu illi, jekk ma tistax issir referenza, il-kwistjoni taqtagħha din il-qorti stess "diversa-ment komposta".

11. Iżda jekk il-kwistjoni tibqa' biex tinqata' minn din il-qorti "diversament komposta" tkun qiegħda b'hekk effettivament tintlaqa' l-eċċezzjoni ta'

rikuża li ġà ġiet miċħuda, u tiġi frustrata s-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2017: l-eċċezzjoni ta' rikuża tkun ġiet deċiża mill-parti flok mill-qorti.

12. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma għandhiex tilqa' t-talba biex il-kwistjoni tar-rikuża "tiġi deċiża minn din il-qorti diversament kom-posta".

13. Dan ifisser illi l-Qorti Kostituzzjonali la tista' tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u lanqas ma għandha taqtagħha hi. Ma jfissirx iżda li ma hemmx rimedju għal min irid iqanqal il-kwistjoni, għax jista' dejjem jiftaħ kawża b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex il-kwistjoni tiġi mistħarrġa u maqtugħa hemm, bi dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

14. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba magħmula mill-atturi bir-rikors tagħhom tat-2 ta' Novembru 2017.

15. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi.

| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
mb